MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Numru. 587/2011

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur J. Ferris)**

**Vs**

**VICTOR ATTARD**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Victor Attard ta' 43 sena, bin Andrew u Rita nee' Muscat, imwieled Luqa, fil-21 ta' Marzu 1967, residenti fi Plot 18, Triq ta' Xlejli, Gudja u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 130167M, gie akkuzat talli :

1. F'dawn il-Gzejjer, bejn Awissu 2010 u Frar 2011, uzajt xi energija elettrika jew xi stallazzjoni, apparat, strument jew l-accessorji taghhom, provduti minn Enemalta, sew direttament jew indirettament, ghall-ghanijiet diversi minn dawk li ghalihom kienu provduti;

2. Kif ukoll fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ghamilt approprjazzjoni bla jedd ta' energija elettrika jew xi stallazzjoni, apparat, strument jew l-accessorji taghhom, provduti minn Enemalta, liema energija elettrika, stallazzjoni, apparat, strument jew l-accessorji taghhom, kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tinstema u tigi deciza bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija fuq il-pedana tax-xhieda quddiem il-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi in succinct il-fatti ta` dan il-kaz huma s-segwenti. Lura f'Novembru 2010, il-MEPA u l-pulizija, f'kuntest ta` investigazzjoni aktar wieghsa, investigaw il-hrug ta` *compliance certificates*, fosthom wiehed bin-numru 62163 sottomess mill-perit Johann Farrugia f'isem l-applikant Victor Attard. Irrizulta illi tali *compliance certificate* (bhal hafna ohrajn) mhux suppost li inhareg ghax fuq is-sit partikolari 'Santa Marija', Hal Farrug Road, l/o Luqa gie nnotat zvilupp illegali. Bil-hrug ta` tali *compliance certificate*, l-Enemalta awtorizzat li l-applikant jinghata *meter* cioe servizz ta` energija elettrika; u in effetti dan il-*meter* eventwalment twahhal u l-applikant kellu s-servizz ta` l-elettriku. Irrizulta mill-provi illi vera kien hemm fuq is-sit in kwistjoni strutturi illegali. Il-kwistjoni kollha kienet illi filwaqt li l-*compliance certificate* inhareg peress illi fuq is-sit kien hemm kamra skond il-ligi, u allura s-servizz ta` l-elettriku seta jinghata, l-imputat kellu wkoll strutturi ohra li kienu illegali, u li allura gie li qed igawdi indirettament mis-servizz ta` l-elettriku anki ghal dawn l-istrutturi illegali.

Dan hu principalment ix-xenarju tal-kaz kif progettat mill-prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi wara li qieset dettaljatament ir-rizultanzi processwali, din il-Qorti hi tal-fehema illi l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni u cioe` li mhux suppost li s-servizz ta` l-elettriku inghata fuq is-sit in kwistjoni u dana peress illi fuq l-istess sit kien hemm strutturi illegali, hija issa mhux aktar allegazzjoni, izda fatt ippruvat u m'ghandux ikun in diskussjoni. Din il-Qorti, minn naha l-ohra, ma hijiex ser tidhol fuq il-kwistjoni dwar kif inhareg dan il-*compliance certificate* u dana wkoll peress illi lanqas il-prosekuzzjoni ma dahlet fuq din il-kwistjoni, almenu f'dan il-kaz – dan hu wara kollox rifless fl-imputazzjonijiet dedotti.

It-tezi tal-prosekuzzjoni hi li allura, la darba l-imputat uza s-servizz ta` l-elettriku anki ghall-istrutturi illegali, gie li kellu jingieb il-Qorti biex jirrispondi ghall-imputazzjonijiet odjerni. Bl-akbar rispett lejn l-isforzi tal-prosekuzzjoni, din il-Qorti ma taqbilx ma din it-tezi.

Dak li irrizulta ampjament hu li l-imputat inghata s-servizz ta` l-elettriku (anke jekk b'mod irregolari) ghal karma legali u estenda dan is-servizz gewwa strutturi illegali. L-istallazzjoni

provduta mill-Enemalta kienet intiza biex ikun hemm kurrent elettriku. U rrizulta li l-imputat effettivament uza tali provvista propju biex jiehu kurrent elettriku. Hazin kemm hu hazin moralment l-atteggjament ta` l-imputat li uza tali kurrent elettriku fl-istrutturi illegali u irregolari kemm kien irregolari il-mod kif gie akkwistat tali servizz ta` kurrent elettriku, ma jfissirx li necessarjament dan jammonta ghall-imputazzjonijiet dedotti.

Ghalkemm hemm definittivament element ta` hazen fl-operat ta` l-imputat, fil-fehema ta` din il-Qorti, tali hazen ma kienx tali li kellu jgibu passabbli ghar-reati addebitati. Ukoll, gie ppruvat a sodisfazzjon tal-Qorti, li f'dan il-kaz ma kienx hemm kwistjoni dwar il-hlas ghall-konsum. Il-hlas jidher li dejjem sar. L-operat ta` l-imputat f'dan il-kaz ma jammontax ghall-fatt li hu uza l-meter ghal ghanijiet diversi minn dawk li ghalieh kien provdut; lanqas ma jista jinghad li ghamel approprijazzjoni indebita skond kif provdut fl-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fil-fehema umili ta` din il-Qorti, dak li rrizulta lill-awtoritajiet koncernati ma kienx jimmerita proceduri kriminali izda kien zgur jimmerita azzjoni ohra, immedjata, legittima u verament effettiva – u cioe` li immedjatament jinqata s-servizz ta` l-elettriku fuq dak il-meter partikolari sakemm l-imputat jirregola l-pozizzjoni tieghu fuq is-sit in kwistjoni.

**Konkluzjoni;**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI ssib u tiddikjara lil Victor Attard mhux hati ta` l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u minnhom tilliberah skond il-ligi**.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------